MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 562/2004

Il-Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c. gia maghruf bl-isem ta' "Mid-Med Bank Limited"
vs
Michael Vella u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2006 Dr. Mark Busuttil u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi ad litem biex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti tal-istess Michael Vella

Il-Qorti,

## A. RIKORS:

Rat ir-rikors tal-Prokuratur Legali Dr Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c. gia maghruf bl-isem ta' Mid-Med Bank Limited, li bih espona:

1. Illi b'sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Novembru, 1994 (1187/94FGC), kopja annessa mar-rikors (Dok B), il-Mid-Med Bank Limited (illum maghruf bl-isem HSBC Bank

Malta p.l.c.) kien gie awtorizzat jesegwixxi s-sentenza kontra l-intimat Michael Vella li nghatat mill-istess Qorti fit-8 ta’ Gunju, 1988 (160/88CS), ghall-hlas ta’ Lm35,149.48 oltre l-ispejjez intaxxati u imghaxijiet legali;

2. Illi mid-data tas-sentenza tat-28 ta’ Novembru 1994, li awtorizzat lir-rikorrenti jesegwixxi d-debitu hekk kanonizzat, l-intimat ma hallas xejn akkont tad-debitu bilancjali;

3. Illi ghalhekk, l-intimat ghadu debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma komplessiva ta’ disa u hamsin elf u tmien mija u tliet liri Maltin u wiehed u sebghijn centezmu (Lm59,803.71) kwantu ghal hamsa u tletin elf u mija u disa’ u erbghin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm35,149.48) sorte, disgha u tletin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm39.96) l-ispejjez tas-sentenza tat-28 ta’ Novembru, 1994 (1187/94FGC) skond it-taxxa (kopja annessa mar-rikors bhala Dok C) u erbgha u ghoxrin elf sitt mija u erbatax il-Lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm24,614.27) imghaxijiet legali ta’ tmienja fil-mija (8%) ikkalkolati mid-disgha u ghoxrin ta’ Novembru tas-sena elf disa’ mija erba’ u disghin (1994) sad-disgha u ghoxrin ta’ Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003), u bl-imghaxijiet ulterjuri wara dina d-data sad-data tal-pagament effettiv;

4. Illi bhala titolu esekuttiv l-imsemmija sentenzi ghaddew aktar minn hames snin fuqhom u ghalhekk, ir-rikorrent ghandu interess illi jitlob awtorita` biex jesegwixxi dan it-titolu esekuttiv a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

5. Ghaldaqstant ir-rikorrent nomine talab illi a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, din il-Qorti tawtorizza l-esekuzzjoni mill-gdid tas-sentenza ta’ din il-Qorti tat-8 ta’ Gunju, 1988 (160/88CS), limitatament ghad-debitu bilancjali:-

a) Fis-somma komplessiva ta’ disa u hamsin elf u tmien mija u tliet liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm59,803.71), kwantu ghal hamsa u tletin elf u mija u

disgha u erbghin liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm35,149.48) sorte, in kwantu ghal disgha u tletin liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm39.96) l-ispejjez tas-sentenza tat-28 ta' Novembru, 1944 (1187/94FGC) skond it-taxxa (kopja annessa mar-rikors bhala Dok C) u in kwantu ghal erbgha u ghoxrin elf sitt mija u erbatax-il Lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm24,614.27) imghaxijiet legali ta' tmienja fil-mija (8%) ikkalkolati mid-disgha u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa' mija erba' u disghin (1994) sad-disa u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u tlieta (2003), u bl-imghaxijiet ulterjuri wara din id-data sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ta' dan ir-rikors kontra l-intimat.

Rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrent nomine.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-intimat li biha espona:

Illi ghalkemm kien minnu li huwa debitur skond kif indikat mis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-8 ta' Gunju 1988 Citazzjoni 160/88 fl-ismijiet Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited vs Michael Vella l-intimat irrileva li a bazi tal-principju ta' ***ultra duplo*** l-kreditu in kwistjoni ma jistax jissupera l-kapital originali u inoltre jrid jittiehed kont ta' kwalsijasi pagamenti li saru mill-1998 sal-lum.

Salv il-permess l-intimat jaderixxi ghat-talba.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Avv. Mark M. Busutill u l-P.L. Hilda Ellul Mercer li biha esponew:

1. Illi huma ma kienux edotti mill-fatti u ghalhekk kienu qed jirriservaw id-dritt li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mar-risposta tal-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit tal-Prokuratur Legali Jonathan de Maria ghan-nom u in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta p.l.c. li fih issemma li permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Gunju 1988 fil-kawza fl-ismijiet Dr. Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited vs Michael Vella (Cit. Nru. 160/88CS) Michael Vella gie kundannat ihallas lill-bank is-somma ta' Lm35,149.48, bl-interessi u l-ispejjez skond l-istess sentenza. Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet Prokuratur Legali Adrian Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited vs Michael Vella (Cit. Nru. 1187/94FGC), Mid-Med Bank Limited gie awtorizzat biex jesegwixxi s-sentenza precitata mill-gdid. Illi permezz tar-rikors tat-30 ta' Lulju 2004, promotur ta' din il-kawza (Rik. Numru 562/2004 LFS), il-Bank rikorrenti qed jitlob lill-Qorti sabiex tawtorizzah jesegwixxi s-sentenza precitata mill-gdid u dana stante li ghaddew aktar minn 5 snin minn meta l-Bank kien gie awtorizzat biex jesegwixxi s-sentenza mill-gdid. Il-bank qed jitlob biex jerga' jesegwixxi s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Gunju 1988 (Cit. Nru. 160/88CS) fejn Michael Vella gie kundannat ihallas lill-bank is-somma ta' Lm35,149.48 bl-interessi u l-ispejjez skond l-istess sentenza u anke bl-ispejjez tal-kawza fl-ismijiet "Dr. Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited vs Michael Vella" (Cit. Nru. 160/88CS) deciza fit-28 ta' Novembru 1994 peress illi d-dejn hemm kanonanizzat ghadu ma thallasx. Ix-xhud ikkonferma l-bilanci indikati fuq il-prospett anness mal-affidavit u mmarkat Dok A u qal li l-imghaxijiet hemm indikati nhadmu bis-sistema ta' ***simple interest*** bir-rata indikata ta' 8% fis-sena. Qal li hu jaf b'dan mill-kotba tal-kummerc tal-Bank, liema kotba llum

huma mizmuma fuq sistema kompjuterizata, u anke mid-dokumenti tal-Qorti.

Fil-15 ta' Frar 2006 il-Qorti giet infurmata li l-intimat kien miet u hemm bzonn li ssir it-trasfuzjoni tal-gudizzju u fil-21 ta' Gunju 2006 giet prezentata nota riferibbli ghar-rikors dwar il-hrug tal-bandu biex jigu nominati kuraturi ghall-eredita` gjacenti ta' l-istess Michael Vella.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi wara li l-Qorti rat l-affidavit tal-P.L. Jonathan de Maria kif ukoll il-prospett anness mal-istess affidavit, u wara li rat l-artikolu 258 tal-Kap 16, kif ukoll is-sentenzi tat-8 ta Gunju 1988 tal-Qorti tal-Kummerc, u tat-28 ta' Novembru 1994 ukoll tal-Qorti tal-Kummerc, issib li t-talba kif dedotta hija gustifikata u tilqaghha. Ghall-iskop tar-risposta a fol 21 tal-process, b'riferenza ghall-fatt li jrid jittiehed kont ta' kwalisiasi pagamenti li saru mill-1988 sal-lum, dawn jirrizultaw mill-prospett imsemmi u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taghmel verifiki ulterjuri. B'riferenza ghall-aspett l-iehor imsemmi fir-risposta dwar il-principju ta' ***ultra duplo*** li l-kreditu in kwistjoni ma jistax jissupera l-kapital originali, dan fil-fatt mhux il-kaz in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi tilqa' t-talba. Tawtorizza l-ezekuzzjoni tas-sentenzi fis-somma komplessiva ta' Lm59,803.71 u bl-imghaxijiet wara d-29 ta' Awissu 2003.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------